MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2011

Avviz Numru. 82/2011

**Atlas Insurance Pcc Ltd. (C-5601) kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assikurat taghha Paul Zmmit Cutajar abbazi tal-Polza ta’ Assikurazzjoni u tal-Ligi**

**Vs**

**Deutsche Lufthansa AG**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat mis-socjetà attrici permezz ta’ liema titlob li s-socjetà konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta’ erbat elef seba’ mija u tletin Euro (€4,730) rapprezentanti danni sofferti mill-assikurat taghha meta apparat fotografiku li kien qed jingarr fuq *flight* tal-Lufthansa LH4128 fl-10 ta’ Frar 2009 minn Frankfurt ghal Malta, wasal danneggat, u ghal liema danni ghamlet tajjeb is-socjetà attrici skond Polza ta’ Assikurazzjoni li kellu l-assikurat taghha maggha, bl-imghax legali dekoribbli sad-data ta’ l-effettiv pagament u

bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 7 ta' Jannar 2011, kontra s-socjetà konvenuta;

Rat ir-Risposta tas-socjetà konvenuta permezz ta' liema teccepixxi li: (i) preliminarjament t-talbiet tas-socjetà attrici huma perenti bit-trapass ta' zmien, u cioè tal-perijodu ta' dekadenza ta' sentejn ai termini ta' l-Artikolu 35 tal-*Convention for the Unification of Certain Rules for International Carriage by Air (Montreal Convention 1999)* u ta' l-*EC Regulation 889/2002 on Air Carrier Liability in the Event of Accidents* kif ratifikati fil-Ligijiet ta' Malta permezz tal-*Carriage by Air (International and non-International Carriage) Order, 2004,* Legislazzjoni Sussidjarja 499.24; u li fil-mertu (ii) is-socjetà attrici ghandha tipprova l-allegati hsarat u li l-istess hsarat ingarrbu waqt li l-apparat in kwistjoni kien abbord l-ajruplan tas-socjetà konvenuta jew waqt li kien taht il-kontroll tas-socjetà konvenuta u mhux waqt li kien f'idejn terzi; (iii) l-assikurat tas-socjetà attrici u l-istess socjetà attrici kif surrogata fid-drittijiet tieghu naqsu milli jottemperaw ruhhom mad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 31(2) tal-Konvenzjoni billi ma nnotifikawx lis-socjetà konvenuta bl-allegati hsarat fi zmien sebat ijiem mid-data tal-wasla tal-vjagg in kwistjoni u ghaldaqstant it-talbiet attrici huma insostenibbli u s-socjetà konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju; u (iv) li fi kwalunkwe kaz l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tas-socjetà attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi s-socjetà konvenuta ma hijiex responsabbli ghall-allegati hsarat;

Rat in-Nota ta' Referenzi pprezentata mis-socjetà konvenuta in sostenn ta' l-ewwel eccezzjoni minnha ssollevata u rat is-sentenza fl-ismijiet **Kevin Mallia v. Air Malta plc, Citaz. Nru. 104/09** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Novembru 2009;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ipprezentata mis-socjetà attrici dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjetà konvenuta u rat in-Nota Responsiva tas-socjetà konvenuta u s-sentenza annessa maghha fl-ismijiet **The Cargo Handling Co. Ltd. v. Messrs John Abela**

**Limited, Appell Civili Nru. 394/01** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-7 ta' Lulju 2003;

Rat illi l-kawza baqghet ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjetà konvenuta;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna s-socjetà attrici, kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Paul Zammit Cutajar a bazi tal-Polza ta' Assikurazzjoni u tal-Ligi, titlob li s-socjetà konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' €4,730 rapprezentanti danni sofferti mill-assikurat taghha meta apparat fotografiku li kien qed jingar fuq *flight* tal-Lufthansa LH4128 fl-10 ta' Frar 2009 minn Frankfurt ghal Malta wasal danneggjat, u ghal liema danni ghamlet tajjeb is-socjetà attrici skond Polza ta' Assikurazzjoni li l-assikurat taghha kellu maghha.

Is-socjetà konvenuta tilqa' ghat-talba attrici l-ewwel qabel kollox bl-eccezzjoni preliminari li l-azzjoni attrici hija perenta bid-dekors tal-perijodu ta' sentejn ai termini ta' l-Artikolu 35 tal-*Convention for the Unification of Certain Rules for International Carriage by Air (Montreal Convention 1999)* u ta' l-*EC Regulation 889/2002 on Air Carrier Liability in the Event of Accidents*, kif ratifikati fil-ligijiet ta' Malta permezz tal-*Carriage by Air (International and non-International Carriage) Order, 2004*, Legislazzjoni Sussidjarja 499.24.

Is-socjetà konvenuta tikkontendi li l-imsemmi terminu ta' sentejn huwa wiehed ta' dekadenza, u dana kif stabbilit mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Kevin Mallia v. Air Malta plc, Citaz. Nru. 104/09** deciza fit-30 ta' Novembru 2009[1], u ghalhekk l-azzjoni attrici istitwita fis-17 ta' Marzu 2011 hija perenta u ma tistax tirnexxi, filwaqt illi s-socjetà attrici tikkontendi li tali terminu ta' sentejn huwa wiehed ta' preskrizzjoni u bhala tali gie

[1] Vide Nota ta' Referenzi tas-socjetà konvenuta u sentenza annessa a fol. 13 sa' 23 tal-process.

minnha interott bil-prezentata u debita notifika entro l-perijodu rikjest mill-Ligi, ta' ittra ufficjali kontra is-socjetà konvenuta datata 7 ta' Jannar 2011[2].

Jibda biex jinghad illi kif gustament osservat mis-socjetà konvenuta l-*Convention for the Unification of Certain Rules for International Carriage by Air (Montreal Convention 1999)* u l-*EC Regulation 889/2002 on Air Carrier Liability in the Event of Accidents*, illum saru jifformaw parti mill-Ligi Maltija. Il-Konvenzjoni tirregola u tapplika *to all international carriage of persons, baggage or cargo performed by aircraft for reward. It applies equally to gratuitous carriage by aircraft performed by an air transport undertaking*[3]. L-azzjoni odjerna hija kjarament azzjoni kontra l-*carrier* b'referenza ghal apparat fotografiku li kien qed jingarr fuq flight tal-Lufthansa LH4128 fl-10 ta' Frar 2009, b'hekk il-Konvenzjoni indubbjament tapplika ghall-kaz in ezami. Il-fatt li hija s-socjetà attrici li qed tistitwixxi dawn il-proceduri kontra l-*carrier* u mhux l-assikurat taghha ma jbiddel assolutament xejn ghaliex huwa principju stabbilit fis-sistema guridika nostrali li l-assikurazzjoni surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha takkwista b'titolu derivattiv id-drittijiet li kellu l-assikurat bl-istess kontenut u limiti li fihom kienu dawn id-drittijiet fil-mument tas-surroga[4].

L-Artikolu 35 tal-*Convention for the Unification of Certain Rules for International Carriage by Air (Montreal Convention 1999)* li fuqu s-socjetà konvenuta tibbaza d-difiza preliminari taghha, jipprovdi li *the right to damages shall be extinguished if an action is not brought within a period of two years*[5]*, reckoned from the date of arrival at destination, or from the date on which the aircraft ought to have arrived, or from the date on which the carriage stopped. The method of calculating that period shall be determined by the law of the court seised of the case.*

[2] Vide Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà attrici a fol. 24 sa' 26 tal-process.
[3] Artikolu 1(1) tal-Konvenzjoni.
[4] Untours Insurance Agents Limited noe v. Salvatore Zarb, Appell Civili 2095/03, deciza mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-20 ta' Settembru 2004 u konfermata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' April 2005
[5] Sottolinear tal-Qorti.

Minn qari ta' dan l-artikolu huwa evidenti li t-terminu hemm stabbilit huwa terminu entro liema trid tigi istitwita azzjoni taht dik il-Konvenzjoni mid-danneggjat kontra l-*carrier*. Dak it-terminu huwa intiz biex jehles lill-*carrier* mill-pretensjonijiet tad-danneggjat jekk dan ta' l-ahhar ma jistitwix l-azzjoni opportuna fi zmien sentejn *from the date of arrival at destination, or from the date on which the aircraft ought to have arrived, or from the date on which the carriage stopped*. B'hekk tali terminu huwa wiehed ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni.

Din l-osservazzjoni ssib konferma fil-principju ormai stabbilit fis-sistema guridika nostrali li *quando la legge stabilisce un termine entro cui un atto si deve compiere quel termine*, *anziche di prescrizione, è termine di decadenza, nel senso che, decorso quel termine, quell'atto non sarebbe più ammissibile. La dottrina pone il criterio distintivo in ciò che, se la disposizione che assenga un termine per l'esperimento d'un diritto non dica espressamente che si tratta di prescrizione, o non abbia i caratteri di questa, si tratterà di una decadenza*.

Dan il-principju gie enuncjat fis-sentenza fl-ismijiet **Giuseppe Sammut v. Notaro Edoardo Pellegrini Petit**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Jannar 1920[6], li giet citata wkoll fis-sentenzi li taghmel referenza ghalihom is-socjetà konvenuta, u cioè s-sentenza **The Cargo Handling Co. Ltd. v. Messrs John Abela Limited, Appell Civili Nru. 394/01** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-7 ta' Lulju 2003 u s-sentenza **Kevin Mallia v. Air Malta plc, Citaz. Nru. 104/09** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Novembru 2009.

Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tas-socjetà attrici li *fejn fil-ligi taghna l-legislatur ried illi l-perijodi jkunu perentorji huwa ha hsieb illi jghid dan b'mod espress, bhal per ezempju l-artikolu 541 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap.13 tal-Ligijiet ta' Malta), u ghalhekk ghandu jsegwi illi jekk l-artikolu applikabbli ma jghidx espressament illi l-perijodu*

---

[6] Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta, Vol. XXIV – I – 276.

*huwa wiehed perentorju dan ghandu jitqies bhala wiehed ta' preskrizzjoni u ghalhekk perjodu li jista' jigi interott*.

Kuntrarjament ghal dak pretiz mis-socjetà attrici, ghalkemm ad ezempju l-Artikolu 1431 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, li jittratta dwar it-terminu entro liema ghandhom jigu istitwiti l-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja, jipprovdi li *l-azzjoni redibitora u l-azzjoni stimatorja jaqghu bil-preskrizzjoni*[7] *ghal dawk li huma immobbli, bl-eghluq ta' sena minn dakinhar tal-kuntratt, u, ghal dawk li huma hwejjeg mobbli, bl-eghluq ta' sitt xhur minn dakinhar tal-kunsinna tal-haga mibjugha*, huwa principju guridiku assodat li dak it-terminu huwa wiehed ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni – **Pierre Ciantar v. Mario Xuereb noe et, Citaz. Nru. 1175/95**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Dicembru 2001.

Quindi ghall-fini li jigi determinat jekk perijodu stipulat fil-Ligi huwiex wiehed ta' preskrizzjoni jew inkella ta' dekandenza, dak li ghandu jigi kkunsidrat ma huwiex tant l-uzu o meno tal-kelma preskrizzjoni jew dekandenza fil-provvediment partikolari, izda ir-rigorozità u precizjoni tal-provvediment innifsu. Kif gustament osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza **Kevin Mallia v. Air Malta plc, Citaz. Nru. 104/09**, deciza fit-30 ta' Novembru 2009, *hija l-fehma ta' guristi bhal Troplong li meta l-istatut ikun rigoruz u preciz, meta l-espressjoni uzata tnehhi kull ambigwità, allura l-azzjoni ghandha tigi proposta ezattament fiz-zmien stabbilit. Meta invece t-test ma jkunx hekk rigoruz, jew ikun anqas preciz, allura wiehed jista' juri flessibilità fl-interpretazzjoni,* u din il-Qorti taqbel li *t-test tal-Art. 35(1) ma jaghti lok ghal ebda ambigwità u bla esitazzjoni tghid li z-zmien huwa ta' dekadenza.*

Stabbilit ghalhekk illi t-terminu ta' sentejn stipulat fl-Artikolu 35 tal-*Convention for the Unification of Certain Rules for International Carriage by Air (Montreal Convention 1999)* huwa terminu ta' dekadenza, jehtieg issa jigi determinat jekk l-azzjoni attrici hijiex perenta kif pretiz mis-socjetà konvenuta jew inkella le.

---

[7] Sottolinear tal-Qorti.

Mir-Rikors promotur jirrizulta li l-apparat fotografiku mertu tal-kontestazzjoni kien qed jingarr fuq *flight* tal-Lufthansa LH 4128 fl-**10 ta' Frar 2009**, u l-Qorti tifhem li dik hija d-data meta dak l-apparat fotografiku wasal Malta billi ma inghadx u ma giex ippruvat mod iehor mill-partijiet kontendenti. L-Artikolu 35 tal-*Convention for the Unification of Certain Rules for International Carriage by Air (Montreal Convention 1999)* jipprovdi li t-terminu ta' sentejn jibda *inter alia* jiddekorri *from the date of arrival at destination* u ghalhekk fil-kaz in ezami mill-**10 ta' Frar 2009**. Dan ifisser li l-azzjoni fil-konfront tas-socjetà konvenuta *qua carrier* kellha tigi istitwita sa' l-**10 ta' Frar 2011**, izda mill-atti processwali johrog car li l-azzjoni attrici giet istitwita fis-**17 ta' Marzu 2011**, u cioè oltre t-terminu imsemmi ta' sentejn. Peress illi dan it-terminu huwa wiehed ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni, il-fatt li gietipprezentata u notifikata ittra ufficjali fil-konfront tas-socjetà konvenuta entro t-terminu ta' sentejn, ma jwassalx ghall-interuzzjoni tad-dekors tat-terminu kif pretiz mis-socjetà attrici.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk, jirrizulta li l-azzjoni attrici hi fil-fatt perenta u ghaldaqstant l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjetà konvenuta jisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjetà konvenuta tiddikjara l-azzjoni attrici perenta.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mis-socjetà attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------